# Mikiel Anton Vassalli u l-Qagħda Lingwistika f'Malta ta' Żmienu

Josette ATTARD, Ph.D.
*Lecturer, Department of Maltese, The University of Malta Junior College, Malta*
e-mail: josette.attard@um.edu.mt

**Astratt:** *Dan l-istudju jistħarreġ bir-reqqa l-mod ta' kif Mikiel Anton Vassalli żviluppa l-kunċett tal-lingwa u kif fissru bil-kitba fid-daħla tad-dizzjunarju tiegħu* Ktieb il-Kliem Malti *(1796), u fid-daħla tal-ktieb* Motti, Aforismi e Proverbii Maltesi *(1828). Fil-bidu huma ppreżentati xi xejriet lingwistiċi fl-Ewropa tas-seklu tmintax fi sfond Illuminista u jissemmew ħassieba ewlenin bħal Locke, Rousseau, u Hobbes. Tingħata wkoll stampa ċara tal-qagħda lingwistika fl-Italja, fl-istess żmien, bis-sehem kbir tal-istudjużi tal-*Accademia della Crusca*. Jinħassu xi similaritajiet bejn il-qagħda lingwistika fl-Italja u l-qagħda lingwistika f'Malta. Dan kollu jitfa' dawl fuq l-oriġini tal-prinċipji li fisser Vassalli u kemm dawn kienu jirriflettu dak li kien qiegħed jiġri fi żmienu. B'hekk il-qagħda Maltija tingħata tifsira usa' meta tingħaqad mal-ġrajjiet lingwistiċi li kienu qegħdin iseħħu fil-kontinent.*

**Kliem qofol:** *Mikiel Anton Vassalli, Accademia della Crusca, Società dei Pugni, lingwa, nazzjon, ilsien Malti, Illuminiżmu, djalett.*

## Daħla

Il-karattru essenzjali tas-seklu tmintax jiġġustifika l-kitba ta' dan l-istudju fl-aspett estetiku letterarju. Il-figura waħdanija li tidħol f'dan il-perjodu hija ta' Mikiel Anton Vassalli li l-ħidma tiegħu favur l-ilsien Malti hi frott tat-twemmin politiku, soċjali, u kulturali li kien iħaddan skont iż-żmien kontemporanju. Vassalli għex f'epoka interessanti mhux biss għax laħaq tliet ħakmiet differenti f'Malta – l-Ordni ta' San Ġwann, il-Franċiżi, u l-Ingliżi – iżda wkoll għax għadda perjodi twal minn ħajtu msiefer. Dan għenu biex jimporta ideat kontemporanji, illuministiċi, waqt li fisser ukoll ħsibijiet Romantiċi li f'Malta żviluppaw aktar tard. Għalhekk, sa ċertu punt, Vassalli jista' jitqies bħala l-bniedem li għex qabel żmienu. Dawn il-ħsibijiet jinsabu f'żewġ kotba ewlenin: fid-'Discorso preliminare' tal-*Lexicon* (1796) u fid-daħla ta' *Motti, aforismi e proverbii maltesi* (1828). Fuq kollox jistgħu jinġabru f'erba' punti: (i) il-kultura ċivili fis-sens wiesa', aktar milli l-letteratura fis-sens dejjaq; (ii) il-kwistjoni tal-lingwa mifhuma fi kwadru usa' tal-edukazzjoni, tal-ordni soċjali, tar-reliġjon, u tal-ħsieb li, skont prinċipji razzjonali, l-eżattezza lingwistika kienet neċessarja; (iii) il-ħtieġa ta' riforma soċjali, l-aktar fis-sistema edukattiva; (iv) id-

dimensjoni politiko-kulturali tat-taħdit dwar il-lingwa. Minħabba li Vassalli jissuġġerixxi l-bidu ta' kuxjenza lingwistika, ir-rabta ma' movimenti ta' ħsieb Ewropew hi meħtieġa biex tingħaraf il-kawża tal-istorja kollha.

## Sfond storiku – xejriet Ewropej ewlenin

Is-seklu tmintax fl-Ewropa, flimkien mas-seklu ta' qablu, huwa ddominat mill-Illuminiżmu, moviment kbir li ħaddan it-twemmin razzjonali u bħala moviment filosofiku, ħalla l-effetti tiegħu fuq oqsma differenti tal-ħajja fosthom il-letteratura. Kollox kien idur madwar is-setgħa razzjonali li kellha twassal għall-għarfien sħiħ. It-twemmin ta' Hobbes, Locke, Bacon, Rousseau, u Voltaire fil-fakultà razzjonali ġegħelhom imorru lil hinn mill-verità magħrufa. L-Illuminiżmu bħala kuxjenza Ewropea tnissel mill-prinċipju tad-dwaliżmu ta' Descartes li qasam lill-bniedem: il-moħħ u r-ruħ.[1] L-Illuminiżmu Franċiż fetaħ il-bibien għal metodi xjentifiċi ppruvati permezz ta' fatti. Saħansitra l-ħassieba u l-kittieba kellhom jinqdew bl-istess metodi tax-xjenzjati.[2]

John Locke (1632–1704) u s-segwaċi tiegħu xerrdu t-twemmin illuminista permezz ta' kitbiet dwar temi soċjali diversi, fosthom l-edukazzjoni, it-tmexxija politika ta' pajjiż, u l-kunċett tal-għarfien li jwassal għall-użu tajjeb tal-lingwa. L-erba' snin li Locke għadda fi Franza għenuh biex isawwar ideat ġodda u jsaħħaħhom.[3] Kien jemmen li moħħ il-bniedem oriġinarjament huwa vojt, imxebbaħ ma' karta battala – *tabula rasa* – u jimtela bl-ideat minn żewġ għejjun biss – is-sensazzjoni u r-riflessjoni.[4] It-trattat jiddeskrivi l-proċessi tat-tagħlim. Meta Locke ippubblika *Some thoughts concerning education* (1693), il-kontribut tiegħu fl-oqsma filosofiċi tal-edukazzjoni u tal-politika kien influwenti ħafna.

Ladarba l-bniedem jeħtieġlu jikseb l-ideat mill-esperjenza u mir-raġunament, hemm bżonn tal-edukazzjoni li trid tibda kmieni kemm jista' jkun.[5] Għal Locke, l-edukazzjoni tfisser it-tħaddim tal-potenzjalità li għandu kull individwu biex jikseb l-ideat. Jekk dan il-proċess ma jseħħx, il-moħħ ma jiżviluppax, u moħħ żviluppat ifisser kontroll sħiħ tal-karattru.[6] Il-proċess edukattiv innifsu jeħtieġlu jkun organizzat b'mod li jilħaq l-iskop ewlieni tal-edukazzjoni – il-formazzjoni tal-bniedem li għandha tiżviluppa fih il-virtù u ċ-ċiviltà. Sa minn tfulitu l-bniedem jeħtieġlu jiċħad ix-xewqat u l-inklinazzjonijiet

[1] J. Hirschberger, *A Short history of Western Philosophy*, Great Britain, 1979, pp. 106–7.
[2] O. Friggieri, 'Vassalli – It-Tnissil ta' kuxjenza nazzjonali', *Journal of Maltese Studies*, n. 23–4, 1993, p. 159.
[3] Iż-żjara ta' Locke fi Franza kellha l-istess riżultat bħaż-żjara ta' Vassalli fi Franza wkoll daqs mitt sena wara.
[4] J. Locke, *An essay concerning human understanding*, J. M. Dent & Sons Ltd., Londra, 1947, p. 27.
[5] F.W. Garforth, *Locke's Thoughts concerning Education*, Londra, 1964, p. 39.
[6] Ibid., p. 39.

tiegħu biex jimxi skont ir-raġuni.[7] Il-kultura hi l-aħħar parti tal-programm edukattiv. Bħala ħlejqa razzjonali l-bniedem jeħtieġlu jimxi skont in-natura. Hawn tidħol il-morali bħala xjenza '*to explore the world*'. Il-proċess tat-tagħlim kien aktar passiv milli attiv. Fih il-bniedem kien qiegħed jirċievi kontinwament biex il-moħħ ma jibqax vojt. Ix-xbieha tat-*tabula rasa* timplika li Locke ta importanza lill-proċess naturali.'[8]

Bħalma Locke kien influwenzat mill-filosfi ta' qablu, fosthom Descartes u Hobbes, hu nnifsu influwenza lil Jean Jacques Rousseau (1712–1778) meqjus bħala wieħed mir-rappreżentanti ewlenin tal-illuminiżmu Franċiż. Ix-xogħol l-aktar famuż li fih jiġbor il-qofol tal-ħsieb illuminista hu l-*Kuntratt Soċjali* (1762). Fih jiddiskuti l-mogħdija minn stat ta' natura għal stat ċivili u jiġġustifika l-leġittimità tal-liġijiet li jmexxu poplu sħiħ. Rousseau telaq mill-bażi pedagoġika ta' Locke iżda ma qiesx lit-tifel bħala r-raġel ta' għada. Fil-kunċett tal-filosfu Franċiż it-tifel huwa distint mill-adult u hu meqjus bħala ħlejqa matura u għalhekk kapaċi tikseb l-edukazzjoni tagħha nnifisha. Il-kultura titrawwem mill-ħtiġijiet u mill-ħila tat-tifel. It-tfulija għal Rousseau għandha valur fiha nnifisha u ma titqiesx bħala mument fil-ħajja tal-bniedem kif qiesha Locke.[9] '*Man is born free, and everywhere he is in chains*',[10] hi l-frażi magħrufa li biha jiftaħ it-trattat. Iżda jammetti li ma jistax jiddeskrivi kif iseħħ il-passaġġ mill-istat naturali uman għall-umanità nnifisha magħmula minn ċittadini ta' soċjetà ċivili. Ix-xogħlijiet ta' Rousseau li jixhdu l-era tipika tal-*philosophes* Franċiżi jistgħu jitqiesu bħala l-ħolqa li torbot l-Illuminiżmu u r-Romantiċiżmu flimkien. Bil-kitbiet diversi bil-Franċiż, l-ilsien universali fis-seklu tmintax, laqat lill-pubbliku Ewropew kollu u, waqt li attakka l-epoka tar-raġuni, ta bidu għall-moviment Romantiku billi enfasizza l-emozzjoni.

Bl-ideat politiċi u filosofiċi ta' Locke u ta' Rousseau seħħ tiġdid soċjali l-aktar bis-saħħa ta' moviment favur l-enċiklopediżmu li kellu jdawwal l-imħuħ. Il-moviment meqjus bħala l-epoka tar-raġuni, warrab l-imgħoddi li ma kienx mibni fuq ir-raġuni u għalhekk tqies bħala żbaljat. Huwa atteġġjament li nissel kurrent anti-storiku qawwi bil-qtugħ sħiħ mill-imgħoddi. Kull tip ta' sttħarriġ kellu l-provi tiegħu fir-raġuni. Dan it-twemmin wassal għat-twarrib tas-sensi fit-tiftixa għall-għarfien.[11] Ir-raġuni weħidha kellha tmexxi l-imġiba tal-bniedem.

Minn din it-tendenza ta' għejxien joħroġ wieħed mill-iskopijiet ewlenin tal-Illuministi: it-tixrid tat-tagħlim u l-edukazzjoni tal-poplu. Biex jintlaħaq dan il-għan il-lingwa miktuba kisbet importanza kbira. Għal Rousseau, il-kwistjoni ma

[7] M.V.C., *John Locke: Prophet of Common Sense*, Londra, 1967, p. 53.
[8] Ibid., pp. 55–6.
[9] Ibid., pp. 57–8.
[10] E. Barker, *The Social Contract – Essays by Locke, Hume and Rousseau*, U. S. A., 1947, p. 169.
[11] O. Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*, (2[ni] ed.), 1996, p. 592.

baqgħetx aktar jekk ktieb hux utli jew le, iżda jekk hux miktub tajjeb jew le.[12] Is-sempliċità u ċ-ċarezza fil-kitba saru żewġ kwalitajiet ta' kitba tajba. L-għodda ewlenija biex jintlaħaq dan l-ideal hi l-ilsien tal-pajjiż li tħaddem ħafna fil-pubblikazzjoni u t-tixrid tal-ġurnali. L-Illuminiżmu hu wkoll l-epoka tal-ġurnali meqjusa bħala l-mezz l-aktar effiċjenti ta' tagħrif u tixrid ta' ideat biex il-bniedem jagħraf jeddijietu. Bis-saħħa tar-raġuni weħidha waqgħu d-distinzjonijiet bejn razza u oħra u l-bniedem sar ċittadin universali.

L-attività ġurnalistika wriet kif il-lingwa nazzjonali tista' titħaddem għat-tixrid tal-kultura. Il-lingwa nbidlet u saret aktar iddixxiplinata, eħfef, u tbiddlet ukoll f'mezz ta' propaganda. Il-ġurnali, li kotru bil-bosta, kienu l-għodda ewlenija li mhux biss wasslu t-tagħlim lill-poplu iżda wkoll għenuh jirraġuna.[13] Dan it-tibdil seħħ l-ewwel fi Franza, imbagħad komplew pajjiżi Ewropej oħra b'xi varjazzjonijiet żgħar. Il-lingwa tneżżgħet minn kulma seta' jidher aċċidentali u minn kull tiżjin. Tneħħielha kulma kien karatteristiku jew immaġinattiv iżżejjed. L-Illuministi rriduċewha għall-forom l-aktar sempliċi u ċari, l-aktar universali u razzjonali, u saret l-espressjoni l-iżjed fidila tar-raġuni. Il-binja tagħha kienet iddominata minn mudelli loġiċi. Mario Puppo saħħaħ l-idea tat-tibdil lingwistiku meta sostna li: '*La frase della prosa francese del Settecento, la frase semplice, breve, limpida, rigorosamente costruita secondo l'ordine logico dei concetti, la frase di Voltaire e degli Enciclopedisti, divenne il modello stilistico per tutti gli scrittori europei* . . .'[14] Huwa tibdil li seħħ fil-konfront ta' dak li kienu jemmnu fih l-umanisti Taljani li fittxu fil-lingwa kumplessa l-effetti mużikali u mhux l-eżattezza tal-ideat minħabba li mxew fuq il-mudelli Latini.

Fl-Italja, il-figura ewlenija kien Giambattista Vico (1668–1744) li fisser it-teoriji filosofiċi f'*La scienza nuova* (1725, 1730, u 1744). Fil-bidu tas-seklu tmintax fl-Italja intellettwali kienu deħlin kurrenti filosofiċi mill-Ewropa kollha. Fost il-filosfi ewlenin li kienu diskussi kien hemm Descartes, Hobbes, Locke, Spinoza, u Leibniz. Vico spiss kien jieħu sehem fid-diskussjonijiet li kienu jsiru fis-salotti ta' Napli. Fil-pubblikazzjonijiet ta' qabel *La scienza nuova* diġà kien hemm temi li kellhom ikunu żviluppati fiha, fosthom l-importanza tal-mument immaġinattiv tal-ħajja umana, id-difiża tal-poeżija u tal-immaġinazzjoni, ix-xewqa tad-dinja tat-tfulija, u l-ħtieġa ta' diversi metodi fl-oqsma tal-għarfien.[15]

Fid-dawl tat-tradizzjoni umanistika Taljana, Vico jmur kontra r-razzjonaliżmu Cartesjan. Il-qofol tat-teorija tiegħu jinsab fil-verità tar-riflessjoni filosofika li tissaħħaħ miċ-ċertezza tat-tiftix storiku. Il-manifestazzjoni ta' dan it-tiftix tinsab

[12] S.E. Stumpf, *Socrates to Sartre – A history of Philosophy*, (5$^{es}$ ed.), U.S.A., 1993, p. 294.
[13] O. Friggieri, 'Vassalli – It-tnissil ta' kuxjenza nazzjonali', *loc. cit.*, p. 159.
[14] M. Puppo, *Il Romanticismo*, (VI ed.), Ruma, 1979, p. 18.
[15] G.B. Vico, *La scienza nuova*, Milan, 1963, p. 11.

fil-lingwaġġ, fir-reliġjon, u fil-liġi. Il-konferma ta' dan isibha fin-nisel tal-lingwaġġ[16] meta jorbot il-filosofija mal-filoloġija u jgħid li jkunu żbaljati '*i filosofi che non accertarono la loro ragione con l'autorità dei filologi, come i filologi che non si curarono di avverare la loro autorità con la ragione dei filosofi.*'[17] Bis-saħħa tal-filoloġija jissaħħu l-veritajiet filosofiċi. Din ix-xjenza ġdida li jipproponi Vico hi l-wirja ta' ordni divina li tqarreb lill-bniedem lejn forom ta' ħajja ċivili. Bil-bini mill-ġdid tad-dinja primittiva fehem il-kuntrast bejn il-qadim u l-modern, il-primittiv u ċ-ċivilizzat, il-poeżija u x-xjenza.[18] Is-sintesi tal-ħsieb ta' Vico hija l-istoriċità tal-ideat umani.

Vico ta importanza kbira lill-poeżija meta qies lill-oqsma kollha tal-arti bħala imitazzjoni tan-natura. Isejjaħ lill-poeti l-ewwel intellettwali.[19] Il-poeżija tiġi qabel ir-riflessjoni filosofika. Bħala imitazzjoni tan-natura hi marbuta mal-qagħda umana tat-tfulija. Saħansitra l-għerf antik tal-popli kollha hu marbut ukoll mat-tfulija għax hu poetiku. Vico analizza fit-tul l-aspett storiku, kulturali, ċivili, u politiku tal-għadd kbir ta' elementi li jiffurmaw l-għerf poetiku u bħala eżempju jsemmi x-xogħlijiet poetiċi ta' Omeru.[20] Id-distinzjoni riġida bejn il-metafiżika (ir-raġuni) u l-poeżija (is-sensi) toħroġ mill-fatt li '*la metafisica astrae la mente de' sensi, la facultà poetica dev' immaginare tutta la mente ne' sensi; la metafisica s'innalza sopra agli universali, la facultà poetica deve profondarsi dentro i particolari.*'[21] Hi distinzjoni li tagħti valur storiku lill-poeżija għaliex Vico jsib l-immaġiba poetika fil-fażi storika tal-bidu ta' kull poplu. Aktar ma jgħaddi żmien l-immaġiba poetika ċċedi postha għall-attività razzjonali. Waqt li jenfasizza n-nuqqas ta' razzjonaliżmu fil-poeżija bħala l-perjodu tal-bidu tal-istorja umana, ma jqishiex bħala kwalità permanenti.[22]

F'dan il-kwadru Ewropew jidħol Mikiel Anton Vassalli li, bħala rappreżentant ewlieni ta' din il-kuxjenza f'Malta, fisser diversi fehmiet nazzjonalistiċi. Imrawwem sew fil-kultura Franċiża u Taljana ta' żmienu, huwa applika din ix-xejra ta' ħsieb għall-qagħda lokali u fuq kollox għat-tixrid tal-kultura b'risq l-ilsien Malti, meqjusa bħala parti minn programm sħiħ ta' tiġdid nazzjonali. Il-ħsibijiet tiegħu fil-qofol tagħhom jesprimu x-xejriet Illuministi ewlenin, iżda jħabbru wkoll tendenzi Romantiċi li kellhom ikunu żviluppati aktar tard minn kittieba u ħassieba Maltin. Dan mhux biss jixhed l-aġġornament mal-bqija tal-kontinent, iżda huwa xhieda wkoll ta' bniedem konxju tat-triq li kellha taqbad Malta kulturalment u politikalment.

---

16 A. Aliotta, *Il carattere latino dello storicismo di G. B. Vico*, Napli, 1936, p. 4.
17 G.B. Vico, *La scienza nuova*, *cit.*, p. 14.
18 Ibid., p. 16.
19 F. Restaino *Storia dell'estetica moderna*, Torin, 1991, pp. 86–7.
20 G.B. Vico, *La scienza nuova*, *cit.*, p. 189.
21 F. Restaino *Storia dell'estetica moderna*, *cit.*, p. 87.
22 Ibid., p. 88.

Vassalli huwa l-ħolqa li torbot il-kultura Taljana mal-kultura popolari Maltija.[23] F''Alla nazione maltese'[24] Vassalli jgħid kif bena l-kitba tad-dizzjunarju fuq il-metodu ta' stħarriġ, ta' provi, u fuq kollox fuq ir-raġuni. Fil-'Progetto'[25] li jagħlaq id-'Discorso preliminare' jinsisti fuq id-dawl intellettwali u juża lingwaġġ marbut mal-fakultà razzjonali: '*Gli uomini ragionevoli, benefici, illuminati e filantropi che s'interessano al ben comune non possono pensare diversamente.*'[26] Minn hawn joħroġ għan ieħor li kellu: li jiftaħ toroq ġodda għall-istudjużi tal-ilsien Malti.

## Id-diskussjoni lingwistika fl-Italja

Il-kwistjoni tal-lingwa hi importanti ħafna fil-ħsieb tal-Illuministi, l-iżjed tat-Taljani. L-influwenza Franċiża fuq l-Illuminiżmu Taljan[27] interessat sew lil Vassalli minħabba l-kosmopolitiżmu tiegħu. Din il-qagħda, flimkien mal-kultura Franċiża, għenitu biex jiżviluppa żewġ aspetti wiesgħa li fihom jinġabar it-twemmin kollu tal-epoka: in-nazzjon bħala soċjetà u l-lingwa bħala mezz ta' għarfien. Minħabba li għex numru ta' snin l-Italja, kien jaf sew bit-tqanqil lingwistiku li kien għaddej u fih ra paralleliżmu għall-qagħda f'Malta li, minkejja l-eżistenza tal-ilsien nazzjonali mitħaddet, kien għad baqa' ħafna xi jsir biex jibda jintuża wkoll għall-kitba. Il-qagħda politika ddominata mill-barranin ma tantx għenet biex jintlaħaq dan il-għan u għalhekk kellu jkun ċittadin Malti b'viżjoni wiesgħa li tmur lil hinn mil-limiti tal-gżira, biex jgħarbel sew il-qagħda Maltija u jipprovdi l-ewwel suġġerimenti biex il-lingwa Maltija tibda tieħu l-ħajja kif kien qiegħed jiġri f'pajjiżi oħra.

In-nuqqas ta' qbil dwar il-lingwa fl-Italja beda fis-seklu sittax u ssokta għaddej tul iż-żewġ sekli ta' wara.[28] Waħda mir-raġunijiet ewlenin ta' din il-qagħda kienet il-pubblikazzjoni tal-*Vocabulario* fl-1612 maħruġ mill-*Accademia della Crusca*, imwaqqfa fl-1583.[29] Fid-dizzjunarju kien hemm kurrent qawwi favur il-puriżmu lingwistiku li l-akbar nuqqas tiegħu kien il-preservazzjoni ta' kliem arkajku. Din il-qagħda fixklet lil dawk il-kittieba li riedu jittrattaw temi moderni. L-*Accademia* kienet akkużata bi staġnar tal-lingwa. Mill-banda l-oħra kien hemm kittieba oħra li ddefendewha u ppubblikaw xogħlijiet lingwistiċi biex isostnu dak li kien hemm fil-*Vocabolario*. Fost dawn hemm il-grammatika ta' Benedetto Buonmattei (1623) u l-*Osservazioni* ta' Marcantonio Mambelli (1644).[30]

---

[23] O. Friggieri, 'Vassalli – It-tnissil ta' kuxjenza nazzjonali', *loc. cit.*, p. 154.
[24] M.A. Vassalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, A. Fulgonio, Ruma, 1796, pp. III–V.
[25] Ibid., pp. XXXIX–XLII.
[26] Ibid., XLII.
[27] L-influwenza tal-Franċiż fuq it-Taljan hija mistħarrġa aktar 'il quddiem f'dan l-istudju skont il-fehmiet ta' kittieba Taljani ewlenin li ħadu sehem fil-kwistjoni tal-lingwa.
[28] V. Rossi, *Storia della letteratura italiana*, (Vol. 3), Milan, 1930, p. 164.
[29] Ibid., p. 17.
[30] Ibid., p. 165.

Fis-seklu tmintax l-għedewwa tal-*Accademia* kotru sew minħabba l-ispirtu kritiku ġdid li daħal fost il-kittieba, flimkien ma' ideat razzjonalistiċi. Fid-dibattitu lingwistiku nħolqu żewġ qawwiet opposti: fuq naħa kien hemm dawk favur il-lingwa pura bħal Giuseppe Baretti u Gian Francesco Galeani Napione, u fuq in-naħa l-oħra kien hemm min kien favur lingwa mħallta bħal Melchiorre Cesarotti u l-imseħbin tas-*Società dei Pugni*, fost l-ewlenin Pietro Verri u ħuh Alessandro, Cesare Beccaria, u Giovan Battista Biffi. L-organu uffiċjali ta' din is-soċjetà kien ir-rivista popolari *Il Caffè* (1764–1766).

L-*Accademia della Crusca* ma setgħetx tiċħad il-lingwaġġ Toskan f'edizzjonijiet diversi tal-*Vocabolario*. Dan il-lingwaġġ ma kienx biżżejjed għall-ħsieb li beda jiddomina aktar minn kull fakultà oħra. Min-naħa tagħha l-*Accademia* ma ċedietx u baqgħet issostni twemminha.[31] Għalhekk ħafna kienu tal-fehma li jwarrbu l-kunċett tas-safa lingwistika u dan wassal biex jidħol kurrent ta' kliem Franċiż fil-letteratura filosofika, ekonomika, u storika tat-tieni nofs tas-seklu tmintax. Fost l-attivisti ewlenin favur is-safa tal-lingwa kien hemm Giuseppe Baretti (1719–89) meqjus bħala kritiku letterarju ewlieni tas-seklu tmintax. Iddefenda sew l-element Toskan fl-ilsien Taljan. Id-disa' snin li għadda f'Londra (1751–60), fejn kien jgħallem il-lingwa Taljana, għenuh biex jibni ħbiberiji ma' nies kbar fil-qasam letterarju u politiku, biex sar midħla tal-letteratura Ingliża, u biex għaraf aktar il-qagħda miżera ta' pajjiżu. Baretti ddefenda l-letteratura Taljana kontra ċ-ċensura ta' Voltaire u ta' barranin oħra.[32] Aktar tard beda jippubblika r-rivista *La frusta letteraria* taħt l-isem ta' Aristarco Scannabue, bil-ħsieb li jċaqlaq daqsxejn il-kittieba u jtemm in-nagħsa letterarja. Din ir-rivista twaqqfet mill-gvern minħabba l-ġudizzji ħorox li kien fiha.[33]

L-ispirtu filosofiku li ddomina s-seklu tmintax sawwar dinja mibnija fuq ir-raġuni u n-natura li ħalliet l-effetti tagħha fuq l-istorja u t-twemmin lingwistiku. Fost il-ħafna ilħna favur il-puriżmu lingwistiku kien hemm il-Konti Gianfrancesco Galeani Napione (1748–1830) li fit-trattat *Dell'uso e dei pregi della lingua italiana* (1791–92), ippubblikat Turin, wera li l-ideal tiegħu kien li jitaljanizza d-djalett tal-Piemonte[34] u, fuq kollox, ħadha kontra l-kurrent ta' lingwaġġ Franċiż li kien qiegħed jaħkem lit-Taljan. L-għan ewlieni tat-trattat kien li juri l-importanza politika tal-lingwa u l-ħtieġa li d-djalett Piemontiż jieħu xejriet Taljani bħala lingwa tal-kultura u biex iżomm il-karatteristika nazzjonali.

---

[31] Ibid.

[32] Ibid., p. 160. Baretti nnifsu kien kittieb ta' xogħlijiet letterarji fosthom ġabriet ta' poeżiji u traduzzjonijiet ta' Ovidju u ta' Corneille.

[33] Ibid.

[34] Fuq dan il-punt jaqbel ma' Melchiorre Cesarotti li minkejja li ma kienx favur il-puriżmu tal-lingwa, ried jitaljanizza d-djalett Fjorentin. Cesarotti se jkun ittrattat aktar 'il quddiem f'dan l-istudju.

Il-ħtieġa tal-kitba bil-lingwa nazzjonali hija importanti wkoll għall-kittieba biex jiksbu l-glorja. Il-ħsieb oriġinali huwa marbut mal-lingwa nazzjonali għax min ma jfissirx ruħu b'din il-lingwa ma jistax ikun kreattiv u qatt ma jista' jissejjaħ ġenju la fix-xjenza u lanqas fl-arti: '*Chi scrive in una lingua non sua, antica e straniera, o convien che scriva barbaramente, o è necessario che scriva con istento e con fatica, senza speranza di poter mai giungere alla eleganza, alla forza di quegli scrittori che si fatti idiomi adoperarono come propri e nativi.*'[35] Meta jkun hemm taħlit fil-lingwa mitħaddta jkun hemm inqas produzzjoni fil-kitba u dan ma jiġrix fil-każ tal-ġenju li jħaddem l-immaġinazzjoni ħallieqa tiegħu.

Jidher li fost il-puristi tal-lingwa nnifishom kienu jeżistu wkoll xi ideat li ma kinux jaqblu għal kollox flimkien speċjalment fejn jidħlu d-djaletti ta' reġjuni diversi. Dan kollu seħħ minħabba li fl-Italja kienet għadha ma seħħitx l-unifikazzjoni. Iżda dawn id-differenzi żgħar jintilfu meta wieħed jistħarreġ in-naħa l-oħra tad-dibattitu lingwistiku Taljan. Fit-tieni nofs tas-seklu tmintax inħasset il-ħtieġa ta' ġurnal li kellu jimxi mal-ispirtu filosofiku ġdid li ta importanza lix-xjenza u lill-utilità prattika, biex idawwal l-imħuħ. Il-ġurnal li kien jaqdi dawn il-ħtiġijiet kien *Il Caffè* li beda bil-laqgħat ta' grupp ta' żgħażagħ li kienu kontra l-ideat tradizzjonali. Fl-1761 dawn iż-żgħażagħ, ilkoll b'edukazzjoni u kultura Franċiża u favur l-ideal umanitarju, kienu jiltaqgħu għand Pietro Verri li aktar tard ħa f'idejh it-tmexxija tal-ġurnal.[36] Is-*Società dei Pugni*, kif kienu jsejħu lilhom infushom, kienu jitqiesu bħala kosmopolitani.

L-artikli li dehru f'*Il Caffè* kienu dwar suġġetti diversi bħall-mediċina, liġi, u letteratura u kienu ta' ħtieġa u ta' interess komuni u attwali iżda kollha kellhom xejra didaskalika. Il-ġurnal kien jirrifletti l-enċiklopediżmu filosofiku kontemporanju li serva biex iqaċċtu xi preġudizzji, fehmiet foloz, u vizzji dominanti, u biex jiżirgħu fil-qarrejja l-ħeġġa għall-ħsieb. Kienu artikli bi skopijiet morali u soċjali. Fuq kollox l-artikli ta' kritika letterarja kienu kontra l-puriżmu lingwistiku u kontra l-grammatiċi tal-*Accademia della Crusca. Il Caffè* ppreżenta paradossi letterarji u filosofiċi, lingwa li m'hix safja, u offiżi spissi fl-ortografija, fil-grammatika u fis-sintassi.

Waqt li Pietro Verri ħa f'idejh il-pubblikazzjoni tal-ġurnal, ħuh iż-żgħir Alessandro kiteb artikli storiċi, filosofiċi u letterarji li fihom maqdar l-akkademiċi tal-*Crusca*. Magħhom ingħaqdu l-markiż Cesare Beccaria, il-konti Giovan Battista Biffi, il-konti Giuseppe Visconti u xi ftit oħra.[37] It-taħlit lingwistiku u l-franċiżiżmi fl-istil u fil-lingwa ssuġġeriti minn Verri, Beccaria u sħabhom xterrdu fil-letteratura

[35] G.G. Napione, 'Bisogna scrivere nella propria lingua', M. Puppo (ed.), *Discussioni linguistiche, cit.*, p. 496.
[36] V. Rossi, *op. cit.*, p. 148.
[37] L. Piccioni (ed.), *Giornalismo letterario del settecento*, (Classici Italiani, Vol. 68), Italja, 1949, p. 406.

filosofika tat-tieni nofs tas-seklu tmintax. Alessandro Verri jsemmi l-libertà li għandu jkollhom biex joħolqu kliem ġdid u tajjeb kif għamlu Petrarca, Dante u Boccaccio qabilhom.[38] Jissokta jsaħħaħ dan l-argument billi jtenni li la lingwa tkun għadha ma laħqitx il-perfezzjoni, bil-kliem ġdid timxi 'l quddiem u tistgħana. Verri hu tal-fehma li l-kliem għandu jaqdi l-ideat u mhux bil-kontra. Għal din ir-raġuni mhux importanti minn liema lingwa ġej il-kliem sakemm jesprimi l-idea sewwa. L-iskop ewlieni mhux biex ibiddel il-lingwa b'kapriċċ iżda biex '*l'arricchisce e la fa migliore*'.[39] Fl-ortografija għandu jsir l-istess biex ikun hemm konformità skont il-liġijiet tar-raġuni. Minħabba li l-ħajja hija qasira, wieħed ma jistax jaħli l-ħin biex jikkonserva '*la pura favella*', minflok jeħtieġlu jikseb l-għarfien ta' ħwejjeġ iżjed utli bħalma huma l-ideat.[40]

Cesare Beccaria jsostni l-istess ħsibijiet ta' Verri. Jistaqsi jekk il-kliem għandux ikun magħmul għall-oġġetti jew bil-kontra. Bħal Verri jemmen li l-kelma għandha qawwa kbira u jsemmi xi eżempji mill-istorja ta' pajjiżi diversi.[41] Irid ikun hemm rabta soda bejn l-ideat u l-kliem iżda din ir-rabta ma tiffurmax l-istil. Bħala eżempju jsemmi l-poeżija li l-gost tagħha jiddependi mill-ideat sekondarji.[42] Hija l-għażla tal-ideat sekondarji li tifforma s-sabiħ tal-istil. Il-metafora għandha sehem kbir fl-istil għax tassoċja żewġ oġġetti flimkien.[43] Beccaria jirreferi għal dawk il-puristi li jfittxu li jipperfezzjonaw il-lingwa tagħhom permezz ta' dizzjunarji klassiċi.[44] '*Per fissare una lingua è necessario che abbia tutte le espressioni opportune per esprimere qualunque idea, e le migliori espressioni possibili; è necessario che le irregolarità e le disanalogie di una lingua siano levate.*'[45] Dan ifisser li lingwa trid tinbidel u meta tinbidel f'daqqa sinjal li jkunu nbidlu l-ideat tan-nazzjon li jitkellimha. Skont kif tinbidel il-lingwa jinbidlu l-ideat.[46] Fil-qasam letterarju stili differenti jitnisslu minn emozzjonijiet differenti jew mill-istruttura diversa tal-ideat tal-kittieb.[47]

Favur it-taħlit lingwistiku biex titnissel lingwa nazzjonali, ma kienx hemm biss il-kontributuri ta' *Il Caffè* iżda kien hemm individwi li wkoll ma kinux jaqblu mal-puriżmu. Fost dawn hemm Melchiorre Cesarotti (1730–1808) li, bħala bniedem

[38] A. Verri, 'Rinunzia avanti il notaio degli autori del presenti foglio periodico al *Vocabolario* della Crusca', L. Piccioni (ed.), *Giornalismo letterario del settecento, cit.*, p. 422.
[39] Ibid., p. 423.
[40] Ibid.
[41] Ibid., p. 436.
[42] C. Beccaria, 'Frammento sullo stile', L. Piccioni (ed.), *Giornalismo letterario del settecento, cit.*, p. 455.
[43] Ibid., pp. 456–57.
[44] Hawn Beccaria jirreferi għall-akkademiċi tal-*Crusca* minkejja li ma jsemmihomx direttament.
[45] C. Beccaria (ed.), 'Frammento sullo stile', *loc. cit.*, pp. 457–58.
[46] Ibid., pp. 458–59.
[47] Ibid., p. 459.

b'kultura Franċiża, ma kienx jittollera l-awtorità pedantika. Fl-1785 ippubblika *Saggio sulla filosofia delle lingue* li fih tinħass influwenza qawwija tal-ħassieba u tal-filologi Franċiżi. Waqt li jikkumbatti d-dominanza tal-*Accademia della Crusca*, jisħaq li l-lingwi jiċċaqalqu, jiżviluppaw u jinbidlu skont il-progress tal-ispirtu uman l-istess bħalma kien jemmen Beccaria. Jeħtieġ li jinħoloq kliem ġdid għall-oġġetti ġodda. Dan għandu jsir għaliex il-lingwi jinħolqu skont ir-rieda ħielsa iżda mhux espressa tal-biċċa l-kbira tal-poplu. Il-ġudizzju m'għandux jiġi mill-grammatiċi iżda mill-bnedmin kompetenti li jafu jorbtu l-gosti mar-raġunament. '*La scritta è, e dev'essere, più regolare e grammaticale, poichè senza di questo i lontani sbaglierebbero più d'una volta il senso delle parole; è più armoniosa e più nobile, cerca i modi meno ordinari, nè sfugge le allusioni men ovvie, e i termini tratti da lingue o dotte, o talora straniere, ma cognite, perchè serve all'istruzione e al diletto degli scienziati e dei colti, che ne intendono ugualmente il senso, e ne risentono piacevolmente l'effetto.*'[48]

Bħal kull xogħol li jmiss kwistjonijiet ħajjin, dan is-saġġ qanqal reazzjonijiet diversi: il-puristi qisuh bħala skandlu, dawk li kienu jħobbu l-ġdid qisuh bħala rebħa u dawk favur il-libertà lingwistika ħassu li kisbu s-setgħa biex jagħmlu li jridu. Fost l-ewlenin kien hemm Galeani Napione li minkejja li kien jaqbel ma' Cesarotti fuq xi punti, kien kontra l-idea tal-kurrent Franċiż fil-lingwa Taljana.

Il-punti ewlenin diskussi minn kittieba li ħadu sehem fid-dibattitu lingwistiku Taljan jinħassu jidwu fid-'Discorso preliminare' ta' Vassalli. Is-safa tal-lingwa Maltija, il-ħames djaletti li jiffurmaw l-ilsien nazzjonali, l-elementi barranin li ħakmu l-Malti, id-distinzjoni bejn il-Malti miktub u l-Malti mitħaddet u l-kunċett tal-lingwa nazzjonali bħala lingwa tal-kultura, huma kollha diwi tad-diskussjoni lingwistika Taljana u Franċiża applikati għall-qagħda lokali. L-iżvilupp lingwistiku li kien għaddej f'bosta pajjiżi Ewropej speċjalment fl-Italja u li seħħ bħala riżultat tal-prinċipji illuministiċi u Romantiċi li kienu qabdu sew l-għeruq f'kull qasam tal-ħajja, nisslu f'Vassalli ideat li kienu ġodda fil-qasam lingwistiku u kulturali Malti. Minkejja dan ħass li kienu ta' ħtieġa għall-kultivazzjoni tal-ilsien Malti li sa dak iż-żmien kien għadu mitluq. Il-kittieb Malti kien konxju sew u influwenzat mill-kwistjoni soċjo-politika tal-lingwa li ddominat is-seklu tmintax għax ħass li kien hemm xebħ fil-qagħda lokali. Għall-illuministi l-istorja u l-kultura kienu importanti wisq aktar mil-letteratura. F'Vassalli jinstabu l-fehmiet tal-bniedem tipiku tal-kultura.

[48] M. Cesarotti, 'Saggio sulla filosofia delle lingue applicato alla lingua italiana', M. Puppo (ed.), *Discussioni linguistiche*, *cit.*, p. 309.

## Il-Kuncett tal-Lingwa skont Vassalli

*L-Idea ta' Nazzjon*

Fl-aħħar snin tas-seklu tmintax meta Vassalli ppubblika d-dizzjunarju, f'Malta kien għadu ma daħalx il-kunċett ta' nazzjon minkejja li fl-Ewropa kien il-qofol ta' dibattitu kulturali u soċjali. Mid-dedika tad-dizzjunarju jidher ċar l-aġġornament ta' Vassalli fix-xejriet Ewropej dwar kulma hu marbut mad-definizzjoni ta' nazzjon. Il-fatt li jiddedika xogħlu '*alla nazione maltese*'[49] jindika li kien diġà jqis lil Malta bħala nazzjon distint min-nazzjonijiet oħra iżda jagħmel parti minn kontinent sħiħ. It-twemmin fin-nazzjon xtered sew fl-epoka Romantika li minnha ħarġu l-elementi diversi li jsawru nazzjon u li jiddistingwuh minn oħrajn. Fost dawn l-elementi hemm il-lingwa li tagħmel parti mill-aspett kulturali ta' nazzjon sħiħ.

Id-dedika tad-dizzjunarju hi xhieda tal-viżjoni Romantika li Vassalli bena f'żgħożitu meta kien barra minn Malta. Fiha jindirizza lill-poplu Malti[50] u jqisu bħala poplu sħiħ għax għandu lingwa tiegħu qadima u għax irnexxielu jżommha ħajja tul żminijiet storiċi differenti.[51] Ix-xogħol sħiħ tad-dizzjunarju jikseb mertu akbar meta hu miktub minn Malti. Din l-idea, kollha kemm hi Romantika, tissaħħaħ bl-użu ta' lingwaġġ Romantiku mxerred tul id-dedika kollha bħal '*mia Patria*', '*l'amor patrio*', '*la lingua Nazionale*', '*la Nazione*',[52] u fuq kollox l-indirizz imtenni tal-Maltin bħala '*miei Concittadini*',[53] flimkien mal-fatt li Vassalli jqis lilu nnifsu bħala '*un vostro compatriotto*'.[54] L-użu ta' dan it-tip ta' lingwaġġ jindika li storja, lingwa u poplu huma minsuġa lkoll flimkien biex jiffurmaw għarfien ta' kuxjenza popolari.

Vassalli jilmenta dwar ċerti Maltin li kienu jemmnu li l-lingwa Maltija hija '*inutile ed incapace di coltura*'.[55] Dan it-twemmin li jagħmel ħsara lin-nazzjon, dam jiddomina l-fehma ewlenija għal tul ta' żmien mhux ħażin iżda permezz tad-dizzjunarju jista' jseħħ għarfien ġdid ta' lingwa qadima.[56] L-għan ta' Vassalli fil-bini tad-dizzjunarju kien purament illuminista: li jfittex il-verità u li jgħallem u meta jirreferi għall-kritika ta' xogħol ta' din ix-xejra, isostni l-bżonn tagħha biex tiżviluppah u tiċċarah.[57] It-tisħiħ tal-prinċipji illuministi jinħass aktar bl-użu ta'

---

[49] M. A. Vassalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, *cit.*, p. III.

[50] Fl-ewwel paragrafu juża l-kelma 'Voi' għal ħames darbiet li tirreferi għall-poplu Malti bħala nazzjon sħiħ.

[51] M. A. Vassalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, *cit.*, p. III.

[52] Ibid., pp. III–V.

[53] Ibid., pp. III, V. Vassalli juża darbtejn l-istess espressjoni biex jindirizza lill-Maltin.

[54] Ibid., p. III.

[55] Ibid., p. IV.

[56] Ibid., p. IV. Din hi idea Romantika li tiġġustifika l-użu tal-lingwa nazzjonali bħala għodda utli biex tgħaqqad lill-poplu.

[57] Ibid., p. IV.

espressjonijiet bħal '*essere illuminato*' u '*il diritto di essere informato*'.[58] Ir-raġuni għandha sehem importanti ħafna bħala l-bażi tal-loġika illuminista wkoll fil-kompilazzjoni ta' dizzjunarju. Il-ħtieġa li jħaddem metodu xjentifiku għal dan ix-xogħol ġiegħlet lil Vassalli jagħmel stħarriġ fit-tul biex jasal għall-interpretazzjoni valida tal-kliem u biex jinkludi wkoll vokabularju rari u anqas magħruf. Huwa metodu illuminista li jiċċara, permezz tar-raġuni u tal-provi, kull dubju dwar '*la Lingua Nazionale*'.[59]

Fid-dawl tat-tradizzjoni Romantika, id-definizzjoni tan-nazzjon tinftiehem aħjar bħala familja li torbot l-imgħoddi mal-preżent. L-istoriċiżmu Romantiku jinħass sew fil-bini ta' dizzjunarju; fuq sisien qodma, tinbena l-lingwa ġdida. L-utilità ta' dizzjunarju tal-ilsien Malti meqjus bħala '*pregevol monumento della più antica favella*',[60] m'hix immirata biss '*alla Repubblica degl'eruditi*',[61] iżda torbot flimkien il-ġenerazzjonijiet biex jinħoloq sens ta' kontinwità nazzjonali.[62] Minkejja li l-mentalità popolari u l-qagħda storika-kulturali ma kinux imħejjija għal dan it-tibdil, l-isforz qalbieni ta' Vassalli jixhed il-fiduċja kbira li kellu fin-nazzjon.

*In-nisel tal-ilsien Malti*

Lejn tmiem is-seklu tmintax Vassalli tkellem għall-ewwel darba[63] dwar il-kultivazzjoni tal-ilsien Malti bħala wieħed mill-aspetti ewlenin fl-iżvilupp soċjali u kulturali tal-pajjiż.[64] Il-kunċett tal-lingwa huwa żviluppat sew fid-'Discorso preliminare'[65] ta' *Ktieb il-Kliem Malti*. Huwa jtenni li għalkemm '*la nostra lingua*' hija qadima u għandha nisel orjentali xorta waħda baqgħet '*incolta*' f'seklu mimli progressi kbar kemm fil-qasam tal-arti kif ukoll fil-qasam tax-xjenza.[66] L-edukazzjoni li rċieva f'Ruma f'żgħożitu[67] rawmet f'Vassalli ideat liberali[68] li wassluh biex iqis il-kultivazzjoni tal-lingwa nazzjonali bħala mezz ta' tixrid tal-għarfien u tal-edukazzjoni fost il-poplu u wkoll biex tkun tista' tiżviluppa letteratura

[58] Ibid., p. V.
[59] Ibid.
[60] Ibid., p. III.
[61] Ibid., p. V.
[62] Ibid., pp. V, XIII.
[63] O. Friggieri, *Storja tal-Letteratura Maltija*, (Vol. I), Malta, 1979, p. 87.
[64] M.A. Vassalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, *cit.*, p. XX.
[65] L-istess titlu kien użat mill-illuminista Franċiż Jean Baptiste D'Alembert għad-daħla tal-enċiklopedija tiegħu.
[66] M.A. Vassalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, *cit.*, pp. VII–VIII.
[67] Cfr. A. Cremona, *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu*, Malta, 1975, pp. 3–6.
[68] X'aktarx li Vassalli kien influwenzat ukoll minn Abbè Grègoire (1750–1831), saċerdot Kattoliku Franċiż li kien favur ideat liberali ta' żmienu bħar-riforma fil-Knisja, l-emanċipazzjoni tal-iskjavi, żvilupp ta' sistema ta' edukazzjoni primarja obbligatorja u b'xejn, u l-universalizzazzjoni tal-Franċiż. Vassalli applika dawn it-temi għall-qagħda Maltija. Cf. C. Cassar, *Economy, Society and Identity in early modern Malta*, Teżi tal-Ph.D., University of Cambridge, 1994, p. 261.

nazzjonali.[69] Huwa jirreferi għal dawk l-individwi li ma kinux jirrispettaw ilsienhom: '*Mi è abbastanza noto essere taluni malamente prevenuti della Lingua Maltese, credendola inutile e incapace di coltura al pari della loro ristretta e volgare capacità; e questa prevenzione cotanto dannosa insin'adesso ha sempre prevaluto e quindi privato la Nazione di un tanto bene*.'[70] Hu jqis il-'*lingua patria e nativa*'[71] bħala l-mezz waħdieni biex il-poplu jeduka ruħu f'ilsna barranin u fix-xjenzi.[72]

Fid-dawl tat-twemmin illuminista kif jixhed il-bidu ta' din id-daħla,[73] il-lingwa nazzjonali tintrabat kemm mal-funzjoni edukattiva, kif ukoll mal-aspett storiku li juri l-qedem tal-gżira.[74] Skont id-definizzjoni tas-seklu tmintax, Vassalli jidher bħala l-ħassieb ġdid li ried jintroduċi kuxjenza soċjali li kienet għadha ma teżistix. Waqt li jfisser il-metodu xjentifiku tiegħu, metodu msaħħaħ b'eżempji u ppjanat skont ir-raġuni, juri s-seħer li kellu l-Orjent għar-Romantiċi Ewropej. Minħabba li '*nostro idioma è del tutto orientale*', ħtieġlu jistudja ilsna Orjentali.[75] Minn hawn toħroġ il-qagħda bikrija tal-kultura Maltija bħala taħlita ta' Orjentaliżmu u Latinità. Il-lingwa nnifisha tixhed din it-taħlita.[76] Vassalli ma jwarrabx l-għarfien tat-tradizzjoni Latina f'Malta minkejja li jsostni li '*la lingua patria e nativa*' hi fergħa tal-ilsna Orjentali.[77] Dawn il-ħsibijiet huma mfissra b'lessiku tipiku tas-seklu bejn illuminista bħal dawl u raġuni, u bejn Romantiku bħal nazzjon, storja, poplu u patrija. Il-kelmiet '*lumi*' u '*luci*' huma mtennija bosta drabi waqt li fi ħdan il-lingwaġġ innifsu jeżistu elementi kuntrastanti bħal '*colta*' u '*incolta*', jew '*antica*' u '*moderna*'. Vassalli juri fiduċja 'nazzjonali' ġdida meta jistqarr li l-poplu jista' jasal biex jitgħallem ilsna barranin u jikseb '*i lumi benefici delle scienze*' bis-saħħa tal-istudju tal-lingwa popolari.[78]

L-istorja tal-lingwa tirrifletti l-istorja tal-poplu li jitkellimha. Il-lingwa bi storja li tmur lura sekli sħaħ, hi meqjusa bħala dokument storiku.[79] Madankollu ma jiċħadx li tħalltet ma' xi elementi ta' ilsna oħra barranin li daħlu fil-gżira ma' popli diversi li ġew jaħkmuha fosthom il-Feniċi[80] u warajhom il-Griegi,[81] għalkemm l-influwenza

[69] M. A. Vassalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, *cit.*, p. VI.

[70] Ibid., p. IV. Hawnhekk Vassalli diġà kien qiegħed jirreferi għal Malta bħala 'nazzjon'. Dan hu kunċett li ssokta jiżviluppa fit-tieni nofs tas-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu għoxrin meta l-kittieba Romantiċi Maltin fittxu li jiddefinixxu lil Malta bħala nazzjon sħiħ f'xogħlijiethom.

[71] Ibid., p. VIII.

[72] Ibid., p. IX.

[73] Ibid., p. VII.

[74] Ibid., p. IX.

[75] Ibid., p. VII.

[76] Ibid., pp. VII–VIII.

[77] Ibid., p. VIII.

[78] Ibid., p. IX.

[79] Ibid.

[80] Ibid., p. X.

[81] Ibid., p. XI.

ta' dawn tal-aħħar kienet żgħira ferm. Wara li jagħti interpretazzjoni moderna u għalhekk popolari, tal-istorja tal-lingwa,[82] Vassalli jsostni li l-proċess tat-tibdil f'lingwa spiss iseħħ b'dan il-mod.[83] Jirreferi għax-xejriet Għarabiċi li għandha l-lingwa Maltija u jagħti żewġ raġunijiet għal dan: għax kien hawn ħakma Għarbija u għax l-ilsien Malti u l-ilsien Għarbi huma ġejjin mill-istess nisel.[84] B'danakollu m'hix lingwa Għarbija għax għandha elementi li mhumiex Għarabiċi. Dan ġara minħabba li kien hemm differenzi reliġjużi, kulturali u soċjali bejn iż-żewġ popli li minħabba fihom il-lingwa Maltija żammet il-karatteristiċi tagħha. Jilmenta li, minkejja l-qedem tagħha, l-lingwa kienet nieqsa mir-regoli ortografiċi. Madankollu dan ma wassalx għat-telfien sħiħ tal-lingwa nazzjonali li jixirqilha l-istħarriġ serju tal-letterati u l-użu xieraq tan-nies kolti.[85] Fid-dawl tal-filosofija storika ta' Herder, Vassalli qies il-Malti bħala dokument utli u waħdieni tal-qedem tal-gżira.

**Il-qagħda tal-lingwa Maltija**

Fid-daħla għad-dizzjunarju Vassalli jintroduċi l-kunċett modern tal-lingwa billi jsostni li sa dak iż-żmien l-idjoma Maltija ma kinitx ikkultivata, lanqas mill-istudjużi għax dawn riedu jkunu jafu l-lingwa sew, josservawha tajjeb biex joħorġu r-regoli minnha, ikunu jafu liema lingwi influwenzawha u saħansitra jridu jkunu jafu wkoll id-djaletti tagħha.[86] Jagħmel analiżi soċjali ta' wħud mill-istudjużi tal-lingwa u jsemmi xi difetti li żammewhom lura milli jistħarrġu kif suppost l-ilsien Malti. Għal din ir-raġuni '*l'idioma nostro è rimasto finora incolto, ed indecisa la sua qualità*'.[87] Wara li jagħti sintesi ta' kulturi diversi, isemmi x'jiddistingwi l-ilsien nazzjonali mill-bqija tal-ilsna l-oħra.[88] Id-distintività nazzjonali tissaħħaħ meta jsejjaħ il-lingwa Maltija '*mia propria e materna lingua*',[89] jgħid li ma tistax titqies bħala djalett. Hija lingwa sħiħa, iqisha bħala fergħa li ġejja mill-ilsna tal-lvant u fiha biss jinsab xi kliem qadim u rari. Għalhekk għandha tissejjaħ Maltija.[90] Bħal-lingwi Orjentali qodma, il-Malti jimxi fuq il-ħsejjes, il-vokabularju, l-inflessjonijiet u jinsab spiss xebħ fit-tifsir tal-kliem.[91]

Vassalli jaqsam il-lingwa Maltija f'ħames djaletti u juri nuqqas ta' qbil ma' dawk li jitkellmu bid-djalett belti u li jippruvaw jagħmlu Malti xi elementi barranin

---

[82] Ibid., pp. X–XI.
[83] Ibid., p. XI.
[84] Ibid., p. XIII.
[85] Ibid.
[86] Ibid., pp. XIII–XIV.
[87] Ibid., p. XIV.
[88] Ibid., p. XV.
[89] Ibid., p. XIV.
[90] Ibid., p. XV.
[91] Ibid., p. XVI.

speċjalment espressjonijiet Sqallin, Taljani u Franċiżi għax b'hekk ikunu qegħdin jitilfu l-idjoma Maltija.[92] Din l-istqarrija tinftihem aħjar fid-dawl tal-kompilazzjoni tal-*Vocabolario* tal-*Accademia della Crusca* fl-Italja. Għall-bini ta' dan il-*Vocabolario* l-*Accademia* mxiet fuq il-kriterju tas-safa tal-lingwa.[93] Vassalli japplika l-istess prinċipju meta jsemmi d-djalett tal-belt li jqisu bħala '*il più corrotto*' għax, minħabba li hu użat min-nies ta' qrib il-port, l-idjoma Maltija ma baqgħetx safja.[94] Id-djalett tal-postijiet ta' fuq ta' Malta jew kif inhu msejjaħ minn Vassalli, tal-kampanja, hu l-aktar pur. Dan jixbaħ ukoll lid-djalett Għawdxi.[95]

Minkejja li jistqarr li l-lingwa Maltija tidher li għandha xi difetti li semma' aktar qabel u xi barbariżmi, jekk ikun jafha sewwa, wieħed jintebaħ li hija waħda mill-ilsna ħajjin mill-aktar armonjużi, espressivi u sbieħ.[96] Dawn il-kwalitajiet, li huma mitlufa minħabba l-qagħda mitluqa tal-lingwa, isiru importanti għall-komunikazzjoni meta tkun kultivata: '*Sembra ella è vero rozza e piena di barbarismi a primo aspetto: ma ciò accade perchè è trascurata* . . .'[97] Malli l-Malti jkun ikkultivat, isir l-ilsien tal-kultura u mhux kull kelma li tidher barranija hi tassew hekk. Hemm xi wħud ta' nisel orjentali qadim li tnisslu mill-Ewropej.[98]

Vassalli jitkellem ukoll dwar it-tħaddim tal-ilsien Malti fil-poeżija u jgħid li huwa addattat ħafna għall-poeżija. Kien minn tal-ewwel li fisser dan is-sens kritiku Malti meta ammetta li minkejja l-ideat xi drabi huma xi ftit limitati, is-sabiħ tal-poeżija popolari Maltija jinsab f''*la vivezza dell'espressione, le sentenze prodotte dal fervore della fantasia maltese, la semplicità, e la naturalezza attrattiva unite alle doti naturali della lingua*.'[99] Jissokta l-appell għal xi individwu Malti biex jistħarreġ il-lingwa Maltija minn dan l-aspett. Iżda biex jirnexxilu jrid iżommu 'l bogħod mil-lingwa poetika ta' dawk il-pajjiżi li m'għandhomx l-istess kwalitajiet ta' lsien Orjentali qadim.[100] Il-forma poetika trid tkun taqbel man-nisel tal-ilsien.

---

[92] Ibid.

[93] V. Rossi, *Storia della letteratura italiana*, (Vol. 3), *cit.*, p. 165.

[94] M. A. Vassalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, *cit.*, pp. XVI–XVII.

[95] Ibid., pp. XVII–XVIII.

[96] Ibid., p. XIX.

[97] Ibid.

[98] Ibid. B'dan il-kunċett ta' xeħta nazzjonalistika, Vassalli rabat flimkien il-moviment illuministiku li kien qiegħed joqrob lejn it-tmiem u l-bidu tal-moviment Romantiku ġdid. Dan hu r-riżultat ta' bniedem li vvjaġġa ħafna u li fih trawmet kuxjenza qawwija favur il-patrija u applika t-tagħlim li rċieva minn barra biex itejjeb lil Malta.

[99] Ibid. Hawn jissemmew il-kwalitajiet tal-poeżija popolari fit-tradizzjoni orali, minkejja li Vassalli kien aktar interessat fl-iżvilupp tal-lingwa milli fil-bini ta' letteratura. Din l-idea tal-poeżija tal-poplu sabet xorti kbira aktar tard meta, fi spirtu Romantiku, tqieset bħala prodott kollettiv ta' poplu sħiħ u mhux ta' xi klassi soċjali privileġġjata.

[100] Ibid. F'din l-idea Vassalli jiddiskuti jekk l-ilsien poetiku Malti bħala fergħa tal-ilsna Orjentali, għandux iħaddem it-teknika prosodika Orjentali wkoll. Li kieku l-poeti li ġew wara kellhom jaddottaw metrika Semitika, kienu jmorru kontra l-qagħda storika ppreżentata minn ambjent u tradizzjoni poetika Taljana. Dan ma kienx jgħin fl-iżvilupp tal-Malti mill-aspett poetiku.

La l-Malti huwa lsien Orjentali m'għandux ikollu forom Latini.[101] Biex il-lingwa tkun ikkultivata u ssir utli jeħtieġ li tintuża għal xogħlijiet oriġinali.[102] It-traduzzjoni hi imitazzjoni u l-ilsien Malti għax hu qadim, ma jistax jaddatta ruħu għal-lingwi moderni. Fuq kollox is-sehem kulturali li tista' tagħti l-lingwa Maltija huwa bil-kitba tal-poeżija.[103]

**Il-ħtieġa tal-kultivazzjoni tal-ilsien Malti**

Vassalli hu tal-fehma li l-lingwi ħajjin kollha, ukoll l-aktar limitati u kumplessi jeħtieġilhom li jkunu kkultivati. Dan jgħodd aktar għall-ilsien Malti, bħala lingwa qadima li baqgħet ħajja. Jisħaq kemm-il darba fuq il-qedem tal-lingwa b'espressjonijiet bħal '*l'antichità d'una superstite e vetusta favella*',[104] '*una delle più antiche e rare lingue*',[105] '*una lingua incolta ed antica*',[106] u '*le rare ed antiche qualità della lingua*'[107] fost espressjonijiet oħra mxerrda tul id-diskors kollu. Jorbot l-istudju tal-lingwi mat-trawwim tal-letterati għax il-letterat m'għandux ikollu biss ħakma fuq il-lingwa nativa mitkellma u miktuba, iżda jeħtieġlu jaħseb biha wkoll.[108] Dan jgħin lil-letterat biex jiżviluppa ideat u sentimenti nazzjonali. Il-lingwa hi riflessa fil-kultura tal-pajjiż għax jekk m'hix kolta u żviluppata biżżejjed, min jitkellimha qatt ma jista' jkollu kultura soda. Lingwa nazzjonali kkultivata tagħni liċ-ċittadini, jekk hi mitluqa tagħmel il-ħsara.[109]

F'Vassalli jinsab il-kunċett modern ta' kultura meta jagħti importanza kbira lill-edukazzjoni bħala parti mill-kultura nazzjonali. Magħha jżid kemm it-tmexxija politika kif ukoll il-valuri morali tal-pajjiż li l-għan ewlieni tagħhom hu l-ġid komuni.[110] Il-kultura tikkonsisti wkoll fil-kultivazzjoni tal-oqsma artistiċi u xjentifiċi u l-osservanza tal-liġijiet.[111] Iżda Vassalli jsostni li '*tutte queste cose non si possono ottenere senza l'aiuto della propria lingua scritta e ridotta in comun uso, giacchè ella è l'organo principale della società ed è l'unico mezzo per cui gli uni cogli altri comunichiamo*.'[112] Wara li jirreferi għal-lingwa miktuba bħala l-mezz ewlieni

---

[101] Ibid.
[102] Ibid., p. XXXVIII.
[103] Ibid., p. XXXIX.
[104] Ibid., p. XX.
[105] Ibid., p. XXn.
[106] Ibid., p. VIII.
[107] Ibid., p. VII.
[108] Ibid., p. XX.
[109] Ibid., p. XXI.
[110] Ibid.
[111] Ibid. Bħala parti mill-kultura ta' pajjiż Vassalli jinkludi wkoll l-aspett legali, l-istess bħalma għamel l-illuminista Taljan Cesare Beccaria li fl-1764 ippubblika *Dei delitti e delle pene*. Fih ippropona t-tneħħija tat-tortura. L-ispirazzjoni ta' dan tnisslet mill-ideat umanitarji Franċiżi. Cf. V. Rossi, *Storia della lettetatura italiana*, (Vol. 3), *cit.*, p. 147.
[112] M.A. Vassalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, *cit.*, p. XXI.

tal-komunikazzjoni, jissokta juri kif nazzjon li ma jikkultivax ilsienu u anqas jikteb bih iżda jużah għat-taħdit biss, qatt ma jista' jikber u jilħaq il-quċċata kulturali.[113]

Biex nazzjon ikun kuntent jeħtieġ ikollu bħala parti mill-programm edukattiv, il-kultura tal-lingwa tiegħu. Xhieda ta' din il-verità hija l-esperjenza u t-taħdit ta' kuljum. Edukazzjoni tajba tfisser li l-ideat tal-oġġetti jkunu magħmula b'ordni, distinti minn xulxin u jipproduċu '*un complesso di lumi della ragione*'.[114] L-effett ta' dan kollu hu moħħ ċar u ordinat. Jekk lingwi barranin jieħdu post il-lingwa nazzjonali, dawn iħawdu l-imħuħ għax jiffurmaw ideat bla ordni u ħsibijiet mgħawġin. Dan hu wieħed mill-preġudizzji li Malta għandha tegħleb biex tkun tista' timxi 'l quddiem fl-arti u fix-xjenzi.[115] L-enfasi fuq il-lingwa nattiva li tnissel ideat ċari u ordinati fil-moħħ tal-individwi, ġejja mit-teorija ta' Descartes li influwenzat ħafna ideat filosofiċi direttament. L-ideal tiegħu kien l-għarfien bis-saħħa tar-raġuni. Il-fatt li Vassalli jagħti importanza kbira lill-attività mentali jfisser li qiegħed japplika l-metodu Cartesjan għas-sistema edukattiva. Għal Descartes l-intuwizzjoni hija l-kunċett ta' moħħ ċar bla ebda sinjal ta' dubju. Dan jista' jseħħ biss bir-raġunament.[116] Bħalma jagħmlu Descartes u Locke, Vassalli wkoll iwaħħad l-ilsien nattiv mal-ordni mentali biex il-kultura nazzjonali tkun tista' timxi 'l quddiem.[117]

Vassalli jirreferi għall-qagħda lingwistika li tpoġġi liċ-ċittadin Malti fi żvantaġġ għax malli jitwieled, il-Malti hu mġiegħel jistudja u jikteb bil-Latin jew bit-Taljan u dawn iż-żewġ lingwi huma mbiegħda ħafna mill-Malti nnifsu.[118] Hawn l-ilsien nattiv jitpoġġa f'konfront mal-ilsna l-oħra fis-sistema tat-tagħlim. Dak il-Malti li jitla' f'dan l-ambjent lingwistiku ma jikseb xejn u dak il-ftit li jkun tgħallem minħabba l-ħtieġa, ikun kisbu bi sforzi diffiċli u spiss iħawwadlu moħħu. Din it-tbatija li tista' ġġiegħel lil dak li jkun jabbanduna l-istudju, ġejja mill-mod imħawwad tat-tagħlim għax mhuwiex mibni fuq il-lingwa nattiva.[119] Vassalli hu tal-fehma li l-metodu tat-tagħlim m'għandux ikun ikkuppjat minn pajjiżi oħra għax li jirnexxi f'pajjiż m'għandux garanzija li se jirnexxi f'pajjiż ieħor.[120] Jekk ma tingħatax importanza lill-kultura tal-ilsien nazzjonali li hu '*l'unico e vero mezzo d'acquistare*

[113] Ibid. Skont Oliver Friggieri 'Vassalli nnifsu wettaq bil-ħajja tiegħu l-kunċett tan-nazzjon missjunarju maħluq minn Herder.' Cf. O. Friggieri, *Storja tal-Letteratura Maltija*, *cit.*, p. 88. Xhieda ta' dan hu l-eżilju u l-persekuzzjoni li ġarrab minħabba t-twemmin liberali u s-sens nazzjonalistiku li kien iħaddan. Cf. A. Cremona, *Mikiel Anton Vassalli u żminijietu*, *cit.*, pp. 28–9.

[114] M.A. Vassalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, *cit.*, p. XXI.

[115] Ibid., pp. XXI–XXII.

[116] M.C. Beardsley, *Aesthetics from Classical Greece to the Present*, *cit.*, p. 141.

[117] M.A. Vassalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, *cit.*, pp. XXI–XXII.

[118] Ibid., p. XXII.

[119] Ibid.

[120] Hawnhekk Vassalli jikkritika l-metodu tal-edukazzjoni ta' żmienu waqt li jsostni li s-sistema tat-tagħlim hi parti mill-kunċett tal-kultura.

*l'altre lingue ed anche le scienze*', se tibqa' teżisti din il-ħsara.[121] Vassalli jappella biex jinbidel il-metodu ħalli tissolva din il-problema darba għal dejjem.[122]

Barra l-fatt li l-edukazzjoni għat-tfal għandha tibda bit-tagħlim tal-lingwa materna, l-adulti wkoll għandhom il-ħtieġa tal-istess kultura għax bil-kitba jgħinu l-memorja tiftakar tant ħwejjeġ li jkunu f'moħħhom.[123] Vassalli jistaqsi kif ċittadin ċivilizzat mogħni b'virtujiet diversi jista' ma jkunx kolt f'dak li għandu x'jaqsam mal-lingwa nazzjonali.[124] Jekk ma jkunx hawn kotba dwar il-morali, l-bniedem ma jistax jikseb il-kuntentizza u l-għarfien reliġjuż u għalhekk il-lingwa ma tkunx tista' taqdi l-funzjoni tagħha sew.[125] Jilmenta mill-fatt li f'pajjiż fejn ir-reliġjon Kattolika għandha għeruq fondi u qodma u hija miżmuma tajjeb, ma jeżistix ktieb dwar reliġjon, dwar morali jew dwar dmirijiet Kristjani u tagħlim ieħor ta' ħtieġa bħalma hu xi katekiżmu jew xi ktieb ta' devozzjoni. Iħoss li '*non abbiamo tali libri, nè si potranno avere, se prima non coltiveremo la nostra lingua*'.[126] Il-konklużjoni hi gravi: '*se la lingua non si coltivi non si può mai giungere a coltivar bene la Morale e la Religione sia per libri, sia per istruzione vocale*.'[127]

Vassalli jagħlaq id-'Discorso preliminare' bil-preżentazzjoni ta' proġett '*facile ed eseguibile*'.[128] Is-sintesi tal-pjan tista' tinġabar fi tliet punti ewlenin.[129] Jissuġġerixxi bidla fis-sistema tat-tagħlim li kien hemm fi żmienu u l-bidu ta' kull tagħlim kellu jkun l-ilsien Malti: '*Ora dunque che si è trovato il modo di coltivare la nostra favella fa di mestieri che nelle scuole s'abbracci a poco a poco un metodo del tutto diverso dal fin qui praticato.*'[130] Dan is-suġġeriment jixbah ħafna l-kunċett tal-edukazzjoni li fisser Locke.

Biex isseħħ din il-bidla edukattiva, setgħu jinfetħu skejjel pubbliċi fil-gżejjer Maltin biex jgħallmu lit-tfal jiktbu u jaqraw fl-ilsien Malti flimkien ma' suġġetti oħra fosthom l-aritmetika u d-duttrina Kristjana.[131] Barra li jgħinhom jiddeċiedu jekk jaqbdux it-triq artistika jew it-triq xjentifika, it-tagħlim tal-qari u tal-kitba jagħtihom l-indipendenza u fuq kollox iġegħelhom jiksbu '*i buoni principi di pensare e di agire*'.[132] Ladarba jseħħ dan ikunu jistgħu jitgħallmu x-xjenzi jew lingwi barranin b'mod speċjali l-Latin u t-Taljan.

---

[121] Ibid., p. XXII.
[122] Ibid.
[123] Ibid., p. XXIII.
[124] Ibid.
[125] Ibid. Din l-idea hi msaħħa minn Vassalli nnifsu bit-traduzzjonijiet ta' kotba reliġjużi fosthom il-Vanġeli. Cf. A. Cremona, *Mikiel Anton Vassalli u żminijietu*, *cit.*, pp. 61–2.
[126] M.A. Vassalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, *cit.*, p. XXIII n.
[127] Ibid., p. XXIV n.
[128] Ibid., p. XXXIX.
[129] F. Sammut, 'Vassalli illuminista', *loc. cit.*, p. 145.
[130] M. A. Vassalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, *cit.*, p. XXXIX.
[131] Ibid.
[132] Ibid.,

Dawn il-metodi '*nuovi e ragionati*' kienu tferrxu mal-Ewropa. Skont il-prinċipju illuminista t-tagħlim tal-poplu kollu kien ifisser hena.[133] Id-daħla tagħlaq bl-indirizz lill-'*concittadini amati*' li fih Vassalli jistqarr li għamel kulma seta' f'dak li għandu x'jaqsam mal-istħarriġ tal-lingwa Maltija kif ukoll fil-ħsieb politiku-kulturali tan-nazzjon. L-għeluq tiegħu hu mimli tama għax jissuġġerixxi li kulma baqa' hu t-twettiq tal-pariri tiegħu: '*il conoscere il rimedio al male, e non proccurarlo è un male maggiore del male stesso*'.[134]

Vassalli jfisser fehmiet importanti oħra dwar il-kultivazzjoni tal-ilsien Malti u dwar in-nazzjonalità Maltija fid-daħla għall-*Motti, aforismi e proverbii maltesi*.[135] Wara li jistqarr li kien ilu sa minn żgħożitu jaħdem favur il-lingwa Maltija, jgħid li l-valur tal-qwiel u tal-għidut jinsab fil-qedem tagħhom.[136] Kien ilu sa mill-1783 jiġbor il-qwiel bl-iskop li jiftaħ it-triq għall-kultivazzjoni tal-ilsien Malti.[137] Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien l-għadd ta' proverbi beda jiżdied. Dan ġara waqt li kien għaddej bl-istħarriġ tal-lingwa nnifisha għax kienet l-aħjar opportunità biex jiltaqa' magħhom. Inqeda wkoll b'uħud minnhom meta daħħalhom fid-dizzjunarju għall-skopijiet semantiċi.[138]

L-għajn ewlenija li minnha ħarġu dawn il-qwiel, skont Vassalli, hija l-morali u s-safa tal-espressjoni li warajhom hemm moħbija s-sentimenti tal-poplu.[139] Filwaqt li jorbot l-għidut mat-tiġrib u l-identità tal-poplu, isostni li l-qwiel huma utli għas-soċjetà.[140] L-antentati kienu jgħaddu lill-ġenerazzjonijiet ta' warajhom, sentimenti morali u edukattivi permezz tal-qwiel li fihom tagħlim mill-aktar sod u wkoll biex '*loro concittadini*' ikollhom għejxien aħjar.[141] Fil-fehma tiegħu, is-safa ta' dawn il-qwiel tfisser it-tiftixa mhux biss tax-xejriet li jidhru fil-lingwa, iżda tal-bidu tal-kunċett tan-nazzjonaliżmu.[142] Waqt li fil-gżejjer Maltin ta' '*i nostri antichi*' kien hawn għarfien kbir u għejxien sempliċi li nisslu ġid komuni fil-ħajja soċjali, Vassalli jilmenta mill-fatt li l-poplu ta' żmienu u ta' sekli qabel warrbu l-kultivazzjoni tal-

---

[133] Vassalli juża l-kelma 'felicità' bosta drabi matul id-daħla. B'hekk jimplika viżjoni riformata bit-tiġdid mill-qiegħ tas-sistema soċjali.

[134] M.A. Vassalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, *cit.*, p. XXII.

[135] M.A. Vassalli, *Motti, aforismi e proverbii maltesi*, Malta, 1828, pp. III–VII. Dan hu l-aħħar xogħol li ppubblika qabel miet.

[136] Ibid., pp. III–IV.

[137] Ibid., p. VI.

[138] Ibid.

[139] Ibid., p. V.

[140] Ibid. Din l-idea hi xhieda ta' kemm Vassalli kien aġġornat fil-prinċipji tal-ħsieb Ewropew ta' żmienu.

[141] Ibid.

[142] Ibid. Vassalli jorbot il-wirt idjomatiku mal-imgħoddi mbiegħed u jqisu bħala fdal tal-esperjenzi tal-ġenerazzjonijiet tal-qedem. Skont O. Friggieri 'Is-sens tal-qedem tal-Malti hu fundamentali fil-ħsieb ta' Vassalli, u r-rabta li jsib bejn il-qedem tat-taħdit u l-qedem tal-istorja ma ddumx ma titbiddel f'ġustifikazzjoni għad-definizzjoni nnifisha tiegħu ta' Malta bħala nazzjon u tal-Malti bħala lsien nazzjonali.' O. Friggieri, 'Vassalli – It-tnissil ta' kuxjenza nazzjonali', *loc. cit.*, p. 168.

ilsien jew għax ma kinux jafuh sew jew għax ma kellhomx il-ħila jikkonservawh. Il-problema kollha hi soċjoloġika.[143]

Fl-isfond tal-illuminiżmu Ewropew, Vassalli fisser bosta xejriet tipiċi ta' żmienu, applikahom għall-qagħda Maltija u esprima wkoll xi ideat li kellhom iservu bħala l-ewwel passi lejn ir-Romantiċiżmu. Il-prinċipji ewlenin mfissra minnu huma: l-edukazzjoni bħala l-qofol ta' kull progress u bħala jedd tal-kotra għat-tixrid tal-għerf;[144] l-ilsien nazzjonali bħala l-aqwa għodda għall-edukazzjoni; il-ħarsien tal-liġijiet biex isseħħ l-ordni soċjali u r-riċerka li għandha tinbena fuq metodi xjentifiċi u razzjonali.[145] Vassalli mhuwiex biss il-lingwista iżda hu wkoll il-politiku kif jistqarr O. Friggieri: 'Hi dejqa, u saħansitra inġusta, id-definizzjoni ta' Vassalli bħala studjuż tal-lingwa; il-lingwa hi biss il-qasam tal-istħarriġ għall-prova ta' verità differenti, wisq usa' u akbar mil-lingwa nnifisha.'[146] Jekk l-ideali tiegħu ma ntlaħqux kollha fi żmienu, seħħu tabilħaqq aktar tard.

[143] M.A. Vasalli, *Ktieb il-Kliem Malti*, *cit.*, p. V. L-apprezzament tal-għejdut għal Vassalli jfisser l-għarfien u l-apprezzament tan-nazzjon innifsu. Dan il-mod ta' raġunament hu kollu viżjoni li torbot flimkien xejriet illuministi u Romantiċi–xhieda tar-rabta bejn epoka u oħra. Waqt li dawn il-ħsibijiet juru lil Vassalli bħala bniedem aġġornat mal-bqija tal-kontinent juruh ukoll bħala leħen iżolat u qabel żmienu f'Malta. Cf. O. Friggieri, 'Vassalli – It-Tnissil ta' kuxjenza nazzjonali', *loc. cit.*, pp. 168 u 179. Permezz tal-ġabra metodika tal-wirt Malti mitħaddet, Vassalli jiġġustifika żewġ punti: Il-jedd li lsien imwarrab għandu jkun ikkultivat u mistħarreġ, u li l-lingwa hi rifless tal-mod ta' għejxien ta' nazzjon sħiħ.

[144] Id-daħla nnifisha tad-dizzjunarju hi ddedikata lin-nazzjon Malti, xhieda tal-kuxjenza li kellu tal-kunċett tan-nazzjon.

[145] O. Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini letterarji*, *cit.*, p. 273.

[146] O. Friggieri, 'Vassalli – It-Tnissil ta' kuxjenza nazzjonali', *loc. cit.*, p. 169.